**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-4 ta' Marzu 2013 (Każ R 2133/2011-4), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Matratzen Concord GmbH u KBT & Co. Ernst Kruchen agenzia commerciale sociétá in accomandita.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Matratzen Concord GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn KBT & Co. Ernst Kruchen agenzia commerciale sociétá in accomandita għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)(UASI).*

---

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2015 – Iglotex vs UASI – Iglo Foods Group (IGLOTEX)**

**(Kawża T-282/13)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva IGLOTEX — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti IGLO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2015/C 190/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Iglotex S.A. (Skórcz, il-Polonja) (rappreżentanti: I.-M. Helbig P. Hansmersmann u S. Rengshausen, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Iglo Foods Group Ltd (Feltham, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment minn C. Hawkes, solicitor, sussegwentement minn B. Brandreth u C. Hall, barristers)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Marzu 2013 (Każ R 67/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Iglo Foods Group Ltd u Iglotex S.A.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Iglotex S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013.